MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 349/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponent zzewweg lill-intimata fl-1 ta' Dicembru 1974 fil-Knisja Parrokjali tan-Naxxar;

Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella datat 20 ta' Jannar 2000 u dana wara li gie awtorizzat sabiex jaghmel hekk permezz ta' digriet ta' dina il-Qorti datat 3 ta' Gunju 1996;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfal llum kollha maggorenni;

Illi peress li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew sew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda pendenza dwar manteniment;

Talab in vista tas-suesuppost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li in forza taghha eccepiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-1 ta’ Dicembru tas-sena 1974 fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal u cioe’ Jennifer, Sherona u Talyan ahwa Zammit, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment in forza ta’ kuntratt ta’ l-20 ta’ Jannar 2000, in atti Nutar Dottor Nicholas Vella (Dok A);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin u cioe’ ghal aktar minn erbatax (14) il-sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrent Paul Zammit sahansitra ghamel rabtiet ohra ma terza persuna;

Ili ma hemm l-ebda obbligazzjoni ta’ manteniment la versu xulxin u lanqas versu uliedhom li illum huma kollha maggorenni kif fuq inghad;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti mhijiex qed topponi ghad-divorzju rikjest minn Paul Zammit basta li dan jigi prununzjat a spejjez tieghu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Settembru, 2014;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Jannar 2000;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------